**“For our Environment: from Words to Action**
**Għall-ambjent tagħna: Mill-kliem għall-Fatti”**

# Il-ħabitati naturali, il-bijodiversità u l-baħar minsija fil-wegħdiet tal-partiti politiċi l-kbar

## Jeħtieġ li Malta tibda tindirizza immedjatament il-problema tat-telf ta’ ħabitat naturali u l-bijodiversità li tgħix fih, u tħares b’mod konkret l-ibħra tagħha

Bħala front magħqud ta’ NGOs ambjentali attivi fil-ħarsien tal-kwalità tal-ħajja tar-residenti kollha tal-Gżejjer Maltin, il-ġimgħa l-oħra ressaqna ’l quddiem 9 Talbiet Ambjentali Ewlenin għall-Elezzjoni Ġenerali 2022 “Għall-Ambjent tagħna: Mill-kliem għall-Fatti”. Tnejn minn dawn it-talbiet huma fuq l-oqsma importanti ħafna tal-Habitati u l-Bijodiversità u ż-Żoni tal-Baħar.

Il-front ta’ eNGOs jemmen bis-sħiħ li fid-dawl tal-fatt li Malta hi pajjiż pjuttost żviluppat kif ukoll hija l-aktar Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE) li għandu bini, jeħtieġ li Malta tibda tindirizza immedjatament il-problema kbira ta’ telf ta’ ħabitat naturali u, konsegwenza ta’ dan, it-telf tal-bijodiversità li tgħix fih.

Huwa diżappuntanti ħafna li tara liż-żewġ partiti politiċi l-kbar aljenati mill-fatt li l-impronta naturali qiegħda kulma jmur tiċkien u l-ħtieġa li tiġi mħarsa. Li ninvestu €700 miljun f’ġonna urbani m’għandu x’jaqsam xejn man-natura u l-bijodiversità. Anke jekk importanti, din hi purament infrastruttura ħadra li bl-ebda mod tiġġustifika l-qerda kontinwa tal-ħabitati naturali. Kif jista’ wieħed joħloq ġnien fil-Furjana waqt li jeqred spazju naturali mill-isbaħ bħal Wied Żnuber?

Nilqgħu l-wegħdiet li jiżdiedu z-Żoni Barra mill-Iżvilupp (ODZs) imma dawn ikunu kredibbli biss jekk magħhom ikun hemm impenn u sforz

konkret biex inbiddlu l-policies tal-ippjanar tagħna, li wħud minnhom joħolqu lakuni u jippermettu li jsir żvilupp f'ODZs xorta waħda.

Il-bijodiversità hija kruċjali għall-benesseri tas-soċjetà tagħna u trid tiġi mħarsa b'mod olistiku. Ngħidu dan għax b'xorti ħażina l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) m'għadhiex tipprovdi aktar għal-liġijiet tal-ħarsien tal-għasafar u l-infurzar tagħhom, u din ir-responsabbiltà tpoġġiet taħt entità separata li ħsiebha biex taġevola lill-għaqdiet tal-kaċċaturi u n-nassaba, aktar minn kull ħaġa oħra. Ir-riżultat ta' dan hu sforz kontinwu biex jiġu mgħajfa l-liġijiet li jħarsu l-ambjent naturali u t-tfittxija għal mezzi kif nidderogaw mid-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar. L-istaġuni tal-kaċċa fir-rebbiegħa u l-istaġuni tal-insib tal-għasafar imorru kontra d-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar u jkun min ikun fil-gvern, meta jasal l-aħħar ta' Marzu, se jkollu jiffaċċja l-Proċeduri ta' Ksur tal-Kummissjoni Ewropea fuq dawn il-kwistjonijiet kollha.

L-akbar riżorsa naturali li għandna huma l-ibħra tagħna, iż-żoni marittimi. Madanakollu jidher li m'hemm l-ebda pjan biex dawn is-siti ekoloġiċi ta' importanza kbira jiġu ġestiti kif xieraq u protetti waqt li tiġi żgurata l-konservazzjoni tagħhom għall-benefiċċju ta' kulħadd. Nixtiequ naraw sforz konkret biex jiġu mħarsa z-Zoni Marittimi Protetti waqt li nħawi popolari għat-tbaħħir iridu jibdew jipprovdu rmiġġi li jkunu eco-friendly sabiex il-Posidonia tiġi mħarsa minn aktar degradazzjoni. Proġetti ta' reklamazzjoni tal-art għandhom jingħataw il-ġenb u jiġu mwaqqfa għax il-qerda tan-natura f'qiegħ il-baħar tkun devastanti u l-ebda profitt ma jista' jiġġustifika qerda bħal din. Hija meħtieġa kampanja nazzjonali biex tiġi indirizzata bis-serjetà l-kwistjoni tal-iskart fil-baħar flimkien mal-fenomenu tal-ghost fishing fejn annimali tal-baħar u ħut jibqgħu jinqabdu mingħajr kontroll f'tagħmir tas-sajd li jkun intrema, intilef jew ġie abbandunat fil-baħar.

Fid-dawl ta' dan kollu, nitolbu lil kwalunkwe gvern futur sabiex:

- Iwaqqaf immedjatament il-kontinwazzjoni tal-qerda tal-impronta naturali
- Jelimina lakuni fil-policies tal-ippjanar biex jiżgura li ODZs ma jintmessux
- Joħloq u jara li jimplimenta l-pjani ta' ġestjoni tas-siti kollha Natura 2000 fuq l-art u fil-baħar b'attenzjoni partikolari lil Kemmuna
- Joħloq żoni fejn il-kaċċa ma tkunx permessa f'siti Natura 2000
- Iwaqqaf id-derogi mid-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar għaliex mhumiex ġustifikati u mhumiex sostenibbli
- Joħloq Wildlife Crime Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta li jkun responsabbli għar-reati kollha relatati mal-ħabitat fuq l-art u fil-baħar u l-bijodiversità, biex jiġu infurzati l-liġijiet li jħarsu n-natura

- Iħares il-bijodiversità b'mod olistiku, inkluż l-għasafar, taħt awtorità waħda, fi kliem ieħor l-ERA
- Joħloq aktar riservi naturali fejn il-bijodiversità tingħata prijorità
- Iwaqqaf kull pjan għar-reklamazzjoni tal-art
- Jibda kampanja biex jitnaqqsu l-iskart fil-baħar u l-ghost fishing
- Joħloq irmiġġi eco-friendly
- Jippjana strateġija nazzjonali b'saħħitha biex jiġu indirizzati speċi aljeni invażivi.

Bħala eNGOs, ninsistu li l-bijodiversità jistħoqqilha tkun fil-pjani u l-viżjonijiet kollha li jiġu mfassla għall-futur tal-pajjiż u nappellaw biex tieqaf l-attitudni ta' wegħdiet kożmetiċi dwar proġetti intiżi biex taparsi nuru kemm aħna konxji mill-ambjent, proġetti li mhuma naturali xejn imma sempliċiment infrastrutturali. Malta tinħtieġ gvern b'kuxjenza favur is-sbuħija naturali tal-gżejjer tagħna u viżjoni li kapaċi torbot flimkien il-ħarsien tal-ħabitati naturali tagħna, il-bijodiversità u ż-żoni tal-baħar mal-benesseri u l-ġid komuni ta' pajjiżna.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org